MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 16/2005/1

Rikors Nru: 16/2005

Maria Dolores armla minn William Micallef (ID 420224M), Peter Micallef (ID 727051M) u Dottor Paul Micallef (121560M) f' ismu propju u bhala mandatarju tal- assenti Elenora sive Noreen Leone Ganado. (Passaport Nru. 487447)

-vs-

Stephen Koludrovic

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Maria Dolores armla minn William Micallef et fejn jesponui b' rispett:-

Illi r- rikorrenti huma kompropjetarji tal- appartament numru wiehed (1) fil- blokk ta' appartamaneti bl- isem "De Rohan Flats", numru dsatax (19), Philip Sciberras Square, Floriana.

Illi l- intimat jikri minghand ir- rikorrenti l- imsemmi appartament versu l- kera ta’ sitta u sebghin lira fis- sena (Lm 76) pagabbli kull xahrejn bil- quddiem.

Illi l- intimat ilu ma jhallas kera mill- iskadenza tal- 1 ta’ Mejju 1999 sa’ llum u dan nonostante li gie interpellat diversi drabi inkluz b’ ittra datata 11 ta’ Lulju 2000, ittra ufficjali datata tlieta (3) ta’ Awissu 2000 u ittra registrata datata 3 ta’ Gunju 2004.

Ghaldaqstant ir- rikorrenti in vista tal- permess jitolbu li dan il- Bord jawtorizzhom jirriprendu l- fond ossia l-appartament numru wiehed(1) fil- blokk ta’ appartamenti bl- isem “De Rohan Flats”, numru dsatax (19), Philip Sciberras Square, Floriana u ghal dan l- iskop l- esponenti jitolbu li jigi prefiss minn dana l- Bord terminu qasir u perentorju sabiex l- intimat jizgombra mill- imsemmi fond.

Ra li l- intimat la ressaq twegiba u lanqas deher ghas- seduta mizmuma llum.

Ra l- atti.

Ra l- art. 30 tal- Kap. 69 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t- talba tar- rikorrenti u jawtorizzhom jiehdu f’ idejhom l- fond/appartament numru wiehed(1) fil- blokk ta’ appartamenti bl- isem “De Rohan Flats”, numru dsatax (19), Philip Sciberras Square, Floriana; ghall- ghan ta’ tkeccija jaghti xahar (1) zmien m’ illum; l- ispejjez jithallsu mill- intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------